MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 123/2006

Il-Pulizija
(Spt. J. Mercieca)
Vs

Angelus Bartolo
Omissis

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant u omissis quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli fis-26 ta' Settembru, 2003, ghall-habta tat-8.00 a.m., gewwa sit ta' kostruzzjoni fi Triq Censu Tanti kantuniera ma' Triq Paderborn, San Pawl il-Bahar, bhala l-kuntrattur li f'ismu propju w f'isem is-socjeta' B&B Construction Ltd., u bhala impjegat ta' l-istess socjeta' rispettivament, kien responsabbli ghal xogholijiet ta' kostruzzjoni fl-istess sit :

1) b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni taghhom, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, kkaguna l-mewt ta’ Francis Vella;
2) bhala presuna responsabbli ghall-armar ta’ krejn, uza l-istess krejn minghajr ma ra li dan ikun ezaminat u certifikat minn persuna kompetenti;
3) fl-istess data w hin, u/jew fil-jiem ta’ qabel, u fl-istess lok u cirkostanzi, bhala min ihaddem, naqas li jizgura s-sahha w s-sigurta’ tal-persuni kollha li setghu jigu affetwati bix-xoghol li kien qieghed isir kif ukoll li naqas li jipprovdi dik l-informazzjoni, dak it-taghlim, dak it-taghrif u dik is-supervizjoni li huma mehtiega biex tigi zgurata s-sahha w is-sigurta’ fuq il-post tax-xoghol;
4) fl-istess data w hin, u/jew fil-jiem ta’ qabel, fl-istess lok, bhala min ihaddem, naqas li jaghmel, jew li jizgura li ssir evalwazzjoni xierqa sufficjenti w sistematika tal-perikli ghas-sahha w is-sigurta’ kollha li jistghu jkunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attivita’ tax-xoghol fil-post indikat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-4 t’April, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 225 tal-Kap. 9, 6(1) u (3) tal-Kap. 424 tal-Ligijiet ta’ Malta, Regolament 17 tal-Avviz Legali 52 tal-1986 u Regolament 10 tal-Avviz Legali 26 tal-2003, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kif dedotti w ikkundannatu ghal multa ta’ hamest elef lira Maltin (LM5000).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-7 t’April, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar id-decizjoni ta’ dik il-Qorti tat-30 ta’ Marzu, 2006, billi tiddikjara li l-appellant mhux hati tal-akkuzi migjuba kontrih pro et noe.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti w cioe:- Dwar l-ewwel akkuza, mill-provi kollha mressqa jirrizulta li l-appellant kien addotta dawk il-prekawzjonijiet kollha mehtiega w rikjesti mis-sengha tieghu w mill-ligi. Dwar it-tieni akkuza, mill-provi jirrizulta li, kuntrarjament ghal dak li qed jigi akkuzat bih l-appellant, il-krejn qatt ma

ntuza. Dwar it-tielet akkuza l-appellant qed jigi akkuzat personalment li naqas li jottempera ruhu mal-art. 6(1)(3) tal-Kap. 424, mentri, kif jirrizulta, kienet is-socjeta' B&B Construction Ltd. li kienet inkarikata mill-esekuzzjoni tax-xogholijiet ta' kostruzzjoni fuq is-sit go Triq Paderborn, San Pawl il-Bahar u l-krejn in kwistjoni kien proprjeta' taghha. Li hu kellu madwar hamsa w ghoxrin (25) sena esperjenza fl-armar u operar tal-krejnijiet, kien assikura li kienet saret kull mantuenzjoni neccessarja fuq il-krejn in kwistjoni w inkarika perit adegwat sabiex jassikura li kellu l-*counter weights* adegwati w ix-xoghol fuq is-sit kien qed isir taht is-sorveljanza ta' perit arkitett u kien ta l-istruzzjonijiet necessarji lil Kevin Bugeja li ukoll kellu esperjenza ta' bosta snin fl-operar tal-krejnijiet. Dwar ir-raba akkuza, fejn gie akkuzat personalment li naqas li jottempera ruhu mal-art. 6(1)(3) tal-Kap.424, hu ma kien qed jesegwixxi ebda xoghol personalment u lanqas ma kien il-proprjetarju tal-krejn in kwistjoni. Illi l-piena tal-multa imposta fuq l-appellant kienet wahda eccessiva.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni ;

Ikkonsidrat;

Illi ghar-rigward tar-responsabbilta' personali tal-appellant, ghall-incident fatali li gie kagjonat bil-waqa' ta' krejn li kien proprjeta' ta' kumpanija w ghar-reati bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Kap. 424 u Regolamenti maghmula tahtu, jintqal mill-ewwel li skond l-artikolu 13 tal-Interpretation Act (Kap.249 tal-Ligijiet ta' Malta), meta xi reat isir minn korp jew ghaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna guridika jew le, kull persuna li, fil-hin tal-eghmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor simili tal-korp jew ghaqda, jew kienet tidher li qed tagixxi f' dik il-kariga, tkun hatja ta' dak ir-reat, kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif taghha u li tkun ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex tevita l-eghmil tar-reat.

Illi mill-provi jirrizulta w del resto mhux kontestat - anzi hu koncess fl-istess rikors tal-appell - li l-appellant huwa direttur tas-socjeta’ B&B Construction Limited, proprjetarja tal-krejn in kwistjoni. Ghalhekk indubbjament hu applikabbli ghall-appellant l-artikolu 13 tal-Kap. 249 bil-konsegwenzi kollha li dan l-artikolu jimporta kompriz, f’ certi kazi l-inversjoni tal-oneru tal-prova, u cioe’ li, una volta jigi stabbilit li l-incident ikun gara tort tas-socjeta’ proprjetarja tal-*crane*, ikun jinkombi fuqu li jipprova li r-reat ikun sar minghajr it-taghtif tieghu w li hu kien ezercita d-diligenza kollha xierqa biex jevita l-eghmil tar-reat. Dan apparti kull negligenza, nuqqas ta’ hila fl-arti jew is-sengha tieghu, jew naqqas ta’ tharis tar-regolamenti da parti tieghu personalment, li jistghu talvolta jirrizultaw f’ dan il-kaz.

Ikkonsidrat;

Illi apparti l-ahhar aggravju dwar il-piena, l-aggravji l-ohra kollha jirrigwardaw biss l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti. Issa l-principju regolatur huwa li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f’ dan is-sens *“inter alia”* l-Appell Kriminali : **“Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.”** [12.5.94; “**Ir-Republika ta’ Malta vs. George Azzopardi “** [14.2.1989]; **“Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace”** [31.5.1991] ; **“Il-Pulizija vs. Anthony Zammit”** [31.5.1991] u tant sentenzi ohrajn .)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **“R. v.**

**Cooper"** ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392)

Ghalhekk, din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija dwar l-erba imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant.

Ikkonsidrat;

Illi l-fatti li taw lok ghall-incident fatali in ezami kienu brevement is-segwenti. Is-socjeta' B&B Construction Limited, li taghha, kif gja ntqal, l-appellant kien Dirtettur, kienet akkwistat krejn minn ghand Charlie Farrugia minn Haz Zebbug, li kien "*second hand*". Dan il-krejn kien gie armat u ppruvat fil-bitha tal-plant tal-istess socjeta' mill-istess appellant personalment. Sar xi xoghol ta' manutensjoni fuqu, fejn inbidlulu xi wires u daruh. Bidlulu ukoll il-blokki tal-*counter weight*. Hadem tajjeb. Umbaghad dal-krejn kien rega' gie zarmat u, fil-gurnata ta' qabel l-incident fatali, cioe' fil-25 ta' Settembru, 2003, rega' ntrema' fuq sit tal-bini go Triq Paderborn, San Pawl il-Bahar, fejn is-socjeta' kienet qed tibni. Dana pero' qabel ma gie certifikat minn persuna kompetenti skond il-ligi. Peress li kien sar il-hin ghax kien fil-ghaxija, l-ghada filghodu kellhom imorru biex jippruvawh, skond l-istruzzjoni li l-appellant jghid li kien ta lill-impjegat tieghu

Kevin Bugeja, u cioe' billi jghabbieh b' tant bricks li setghet tiehu l-furketta "tmienja u tmienja". Dan suppost kellu jsir, skond l-appellant, bi thejjija ghall-ispezzjoni tal-inginier li kellu johrog ic-certifikat relattiv biex il-krejn ikun jista' jintuza.

L-ghada, cioe' fis-26 ta' Settembru, 2003, waqt li l-appellant kien allontana ruhu minn fuq il-lant tax-xoghol, Bugeja haddem il-*crane* billi tella wzata ta' tmintax il-bricks tad-disgha pulzieri (9') u il-krejn waqa' minnhabba difett f' wiehed mil-pinnijiet (pins) tieghu li xogholhom kien li jzommu l-*crane* ferm mall-bazi tieghu. Il-krejn waqa' w gie fuq sit ta' kostruzzjoni iehor adjacenti fejn intlaqat il-vittma Francis Vella w miet fuq il-post. (ara ritratti fol. 62)

Ikkonsidrat;

Illi fil-kors tat-trattazzjoni orali, l-abbli difensur argumenta li ma giex stabilit in-ness tal-kawzalita' bejn xi negligenza tal-appellant ma l-akkadut u jekk it-*tower crane* kien gie *overloaded* mill-impjegat, hu ma kienx hemm dak il-hin. Jekk l-impjegat kien gie liberat mill-Ewwel Qorti, multo magis kellu jigi liberat l-appellant li kien rema' l-*crane* fil-*plant* tieghu biex jara li kollox kien sew. L-appellant ma setax jinduna li wahda mill-*pins* kienet difettuza. Tant li l-espert *"ex parte"* kien xehed li trid taqla' l-pin biex tkun taf li hu difettuz. L-appellant kien mexa mall-prassi normali ta' dak iz-zmien u l-impjegat kien ilu jahdem fuq dan it-tip ta' *crane*.

Mill-banda l-ohra pero', l-abbli prosekutur issottometta li kienet qed tintuza prassi hazina. Tant li mid-depozizzjoini ta' Kevin Gauci li hu responsabbli mis-sezzjoni tal-*cranes* gol-Awtorita' ghas-Sahha w Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol, irrizulta li dan il-crane partikolari ma kienx registrat mall-Awtorita' u l-Awtorita' qatt ma kienet irceviet xi tip ta' rapport jew evalwazzjoni tar-riskju li hu mitlub bil-Legal Notice 36/2000 dwar dan il-*crane*. Dan il-*crane* qatt ma seta' jintuza qabel ma jigi spezzjonat minn persuna kompetenti ossia engineer. Imma l-istess appellant, meta xehed quddiem l-espert Dr. David Farrugia Sacco (Fol. 119) stqarr li spezzjoni minn engineer ma ghamilx u kien

ghadu ma gabx engineer ghax kien ghadu mhux lest mix-xoghol u zied jghid : *"jiena naf li jinhtieg li ggib engineer qabel taghmel uzu mill-crane. Nikkonferma li lil Kevin ghidtlu biex jipprova l-crane. Jien ghidtlu biex jippruvah bi tmin briksiet."*

Ikompli jissottometti l-prosekutur li l-*crane* l-appellant kien urieh biss lil certu perit li kien ghadu kif iggradwa u li lanqas kellu firma ghad. Biex jigu ttestjati il-*pins* ghas-sahha taghhom ma kienx hemm ghalfejn jitkissru imma bizzejjed li setghu jigu *X-rayed*. Il-*pins* kienu krucjali u mhux iz-zebgha kienet importanti. Inoltre l-appellant kien jaf li xtara l-*crane* minnghand ditta fi stat ta' falliment. L-impjegat kien ghadu qed jitghallem kif jopera l-*crane* u l-appellant ma mexiex kif kif kellu jimxi bhala mghallem. Fl-istqarrija tieghu a fol. 224 (Dok. DS2) stqarr li huma jqabbdu inginiera diversi w jahdmu ma min jaqdihom l-ewwel.

Ikkonsidrat;

Illi mill-istess depozizzjoni tal-appellant jidher li hu ma kienx biss xi *board room non-executive director* f' din il-kwistjoni imma kien tista' tghid il-persuna unika li kienet responsabbli mill-ippruvar, zarmar, armar u t-thaddim tal-crane in kwistjoni. Hu minnu li ma kienx prezenti fil-hin tal-incident, pero' kien hu li halla l-krejn f' idejn l-impjegat, il-ko-akkuzat Kevin Bugeja, biex jippruvah, qabel ma jigi l-inginier u qabel ma l-*crane* kien gie certifikat. Ghalhekk f' dan il-kaz zgur li kien jaf li l-krejn kien ser jintuza, anki jekk kif jghid hu, sija pure bi prova, qabel ma kien ghadu gie certifikat u l-inqas haga li kienet mistennija minnu kienet li din il-prova ssir fil-prezenza tieghu biex jaccerta ruhu li kollox isir bil-prudenza w kawtela mehtiega, w mhux "konvenjentement" jillarga minn fuq il-post meta tkun ser issir tali prova w ihalli din f'idejn semplici impjegat, kellu kemm kellu - jew ma kellux - esperjenza.

Barra minn hekk, ladarba il-*crane* kien ghadu mhux certifikat minn Inginier kif rikjest mill-ligi u mir-regolamenti, jekk stess l-appellant hass li ghandu jippruvah, immissu kkonduca l-provi kollha li deherlu li kienu mehtiega fil-

*"builders yard*" tieghu stess u mhux imur jarmah fi proprjeta' tan-nies vicina ghal proprjeta' ta' terzi, u dan biex, jekk stess jigri dak li gara, l-crane jaqa' fuq il-proprjeta' tal-kumpanija tieghu stess u mhux fuq il-proprjeta' ta' terzi fejn ikunu qed jahdmu jew jghixu nies li m'ghandhomx x' jaqsmu mieghu.

Ikkonsidrat;

Illi l-uzu ta' tali *"tower cranes"* li issa sar komuni hafna w prevalenti f' siti ta' kostruzzjoni, qed jipprezenta fenomenu nsolitu fl-industrija tal-bini b' perikoli insiti fih, ghaliex minhabba l-kobor tal-ispan tal-istess *cranes* , kif ukoll l-gholi immens taghhom, meta jithaddmu, ma jittraversawx biss fuq is-sit ta' kostruzzjoni fejn ikunu armati il-cranes, imma hafna drabi jkunu qed jittraversaw fuq toroq pubblici w siti adjacenti, proprjeta' ta' terzi, addirittura bl-invazjoni tal-*"air space"* jew l-arja taghhom. Inoltre f' hafna minn dawn il-*cranes*, il-kontra-piz ma jinstabx fl-art imma hu addirittura sospiz in arja, ghexieren ta' metri il-fuq. Dan ikun kompost minn blokki kbar tal-concrete li jiznu tunnellati w li jkunu sospizi ma tarf minhom tal-*crane* biex jibbilancja il-piz tal-*arm* li fuqha tingarr, titghabba w tinhatt it-taghbija. Inoltre, apparti l-perikoli insiti fl-operazzjoni normali ta' dawn il-cranes, f' kaz ta' kollass minnhabba l-kobor taghhom, ikun hemm probabbilta' qawwija li ma jigux biss fuq il-proprjeta' fejn ikun qed isir ix-xoghol, imma addirittura fuq proprjeta' ta' terzi.

Din it-tip t' operazzjoni hekk perikoluza ghalhekk ma tistax issir minghajr ma jittiehdu l-prekawzjonijiet kollha mehtiega u certament qabel ma jigi certifikat il-*crane* mill-inginiera awtorizzati. Hemm responsabbilta' enormi fl-operazzjoni ta' dawn it-tipi ta' *cranes* li ma tistax tigi skarikata bis-semplici fatt li min ikun responsabbli jghid li ma kienx hemm meta jigri xi incident jew li ma jkunx ippreveda li ser jew jista' jaqa'. Apparti l-aspetti tad-dritt civili li jirrigwardaw l-invazjoni tal-arja ta' terzi li mhumiex mertu ta' dan l-appell f' din is-sede penali, jinhtieg li ghall-inqas jigu osservati skrupolozament il-*guide lines* jew regolamenti ezistenti w, li min jarma dawn il-*cranes* li ser iduru fuq ras haddiehor, jaccerta ruhu li jkunu spezzjonati

w certifikati biex jigi accertat li kull *part* taghhom tkun *operational and safe*, u , jekk hemm bzonn, fil-kaz ta' partijiet vitali bhal ma hu l-***pin*** in kwistjoni, jivverifika dan b'mezzi teknologici moderni disponibbli, inkluzi l-X-Rays.

Issa fil-kaz in ezami l-appellant kien jaf li l-*crane* li kien xtara kien *"second hand"* u ghalhekk ma setax jistrieh biss, kif donnu strah il-perit li kellu, fuq id-dehra esterna tieghu w l-istat taz-zebgha superficjali li kellu. Meta wiehed jixtri *equipment* bhal dan li jkun soggett ghal *stresses* enmormi w forsi ghal certa *corrosion* minnhabba li jkun espost ghall-elementi, ghal zmien twil, jinhtieg li jigi accertat li kull *part* tkun tas-sahha mehtiega w li tiflah ghall-istrapazz, forzi anki izjed minn dak li normalment jista' jigi assoggettat ghalih.

Dawn il-prekawzjonijiet l-appellant ma jidhirx li hadhom, tant li ma l-ewwel uzu tal-crane, inqasam il-*pin* u l-*crane* ikkollassa.

Ikkonsidrat;

Illi l-artikolu 6 tal-Kap. 424 jindika x'mizuri ghandhom jittiehdu biex jigu evitati danni fizici w psikologici, korrimenti jew mewt fuq il-postijiet tax-xoghol li huma bazati fuq il-principji generali ta' prevenzjoni. Fost dawn insibu:-  li jigi evitat kull riskju; l-identifikazzjoni ta' perikoli assocjati max-xoghol; l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistghux jigu evitati; l-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistghux jigu evitati w li jittiehdu l-mizuri necessarji kollha biex jirriducu r-riskji kemm ikun ragonevolment prattiku, inkluz li jitbiddel dak li huwa perikoluz, b' dak li ma jkunx perikoluz jew li jkun anqas perikoluz .

Illi l-Qrati Inglizi investew il-kwistjoni ta' x' mizuri ta' prekawzjoni jridu jittiehdu taht il-Factories Act (li ghandu xi dispozizzjonijiet simili ghall-Kap.424) li jkunu *"reasonably practicable"* u gie ritenut li din il-frazi *"seems to imply that a computation must be made by the owner, in which the quantum of risk is placed on one scale and the sacrifice involved in the measures necessary for averting the risk (whether in money, time or trouble) is placed in the other*

*and that if it be shown that there is a gross disproportion between them – the risk being insignificant in relation to the sacrifice – the defendants discharge the onus on them. The onus of proving that it is not reasonable practical to provide a safety measure is on the person on whom the duty is imposed."* **"Walter,Wilson &. Son v. Summerfield"** [1956] 1W.L.R.1429). F' **"Gibson v. British Insulated Calender's Construction Co. Ltd** [1973]S.L.T. 2 (H.L.) gie ritenut li "*it is now firmly established that the burden of proof to establish that he had taken all reasonable practicable steps rests on the employer to discharge."* (Ara **CHARLESWORTH** "ON NEGLIGENCE" 6th. edit. pp.1152-1153)

Issa f' dan il-kaz din il-Qorti tifhem u thoss li s-sagrificcju li kien jaghmel l-appellant kieku ezamina sew bil-mezzi teknologici disponibbli, l-partijiet krucjali tal-armar tal-*crane*, inkluz il-pin li tqaccat, *"sheared,"* qabel ma beda jippruvhom, fil-proprjeta' ta' haddiehor u vicin proprjeta' ta' terzi, dan is-sagrificju ma kienx ser ikun sproporzjoinat meta wiehed iqis ir-risjku kbir li ried u kellu l-obbligu jelimina mill-banda l-ohra.

In subiecta materia l-istess awtur jghid ukoll li f' **"McNeil v. Dickson and Mann"** ([1957] S.L.T.364), fejn *"the pursuer's husband was killed when a crane jib collapsed as a result of a gear wheel breaking due to a latent defect, metal fatigue"….,"The Court of Session, Outer House, held that it was irrelevant whether the defect was patent or latent since the requirement of good construction, sound material and adequate strength were not qualified*…"(op.cit. pp.1153-1154).

F' **"Evans v. Sanderson Bros. And Newbold"** (1968,112 S.J.293) gie ritenut li "*as the electrical points which were controlled by buttons on a pendulum control of an electric crane were defective, there was a breach of Sec. 27 <u>since they were part of the lifting machinery, which should have been of good construction and properly maintained</u>.*" (sottolinear ta' din il-Qorti.)

F' ”**Barry v Cleveland Bridge & Enginneering Co.”** ([1963]1 All E.R. 192) gie ukoll ritenut li *“the word “use” is not confined to the use authorised by the factory owners, hence where their servant misused certain lifting tackle which he knew had not been provided for that purpose and injured the plaintiff the owners were liable.”*

u

*“If a lifting machine is loaded beyond the safe working load and an accident is caused, the fact that the operator was wrong in his estimate of the load, will not, of itself, prevent him from recovering damages.”*
(**“Gallagher v. Dorman Long & Co. Ltd “** [1947] 2 All E. R. 38)

Fid-dawl ta’ dawn il-principji ta’ dritt li gew enuncjati verament f’ sede civili pero’ fir-rigward ta’ obligazzjonijiet li johorgu minn dispozizzjonijiet li ukoll ghandhom sanzjoni penali fil-ligi Ingliza, din il-Qorti tara li l-appellant ma jistax jahrab mir-responsabbilta’ tieghu li ma ipprevenix l-incident billi ma hax l-prekawzjonijiet adegwati li kellu jiehu fic-cirkostanzi w di piu’ qabbad lill-impjegat tieghu li jghabbi l-*crane* – bi prova jew mhux - qabel ma dan gie certifikat.

Illi anki jekk kellu jirrizulta bhala pruvat li l-ko-akkuzat kien abbuza billi ghabba il-furketta tal-*crane* b’ taghbija bricks aktar minn dik li qallu l-appellant, u li dan seta’ koncepibbilment jirrendih ukoll responsabbli ghall-incident in ezami – apparti x’ iddecidiet l-Ewwel Qorti w li dwaru ma sarx appell mill-Avukat Generali – dan ma jezonerax lill-appellant mir-responsabbilta’ kriminali tieghu naxxenti mill-fatt li ma hax il-prekawzjonijiet mehtiega biex jara li l-*parts* kollha tal-*crane* ikunu *“of good construction and properly maintained.”*

Fis-sistema penali taghna, il-*contributory negligence* tat-terz ma tezonerax lill-akkuzat mir-responsabbilta’ kriminali sakemm ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru **“Il-Pulizija vs. P.Vassallo.”** (App. Krim. Vol. XXXVIII,iv.p.883)

Kif jghid **O.C. MAZENGARB** fil-monografija tieghu "Negligence on the Highway" (Butterworth's Edit.1962 p.327), citat b' approvazzjoni fl-Appell "Camilleri vs.Cutajar" [9.12.1968]

*"If the defendant's conduct is itself negligent, he will not be heard to say that his negligence would not have resulted in damage unless somebody else had also been negligent. So long as the damage complained of is the natural and direct outcome of the original negligence, the wrongful interference of another will not relieve the defendant from responsibility."*

Ghalhekk l-aggravji tal-appellant dwar il-htija tal-ewwel imputazzjoni qed jigu kollha respinti.

Ikkonsidrat li ghar-rigward tat-tlitt imputazzjonijiet l-ohra, li jirrigwardaw il-ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Kap.424 jew ta' Regolamenti maghmula tahtu, dawn jirrizultaw ampjament pruvati kemm mix-xiehda tal-ufficjal tal-Awtorita' dwar is-Sahha w Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol, kif ukoll minn dak li stqarr l-istess appellant u ghalhekk din il-Qorti ma thossx li ghandha tiddilunga aktar dwarhom.

Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li hemm raguni ghala ghandha tiddisturba l-apprezzament ta' l-Ewwel Qorti fuq il-fatti w l-konkluzzjonijiet minnha raggunti.

Illi fir-rigward tal-aggravju dwar il-piena, jinghid li l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. **"Ir-Repubbklika ta' Malta vs. David Vella"** [14.6.1999] , "**Ir-Repubbklika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"** [24.4.2003] u tant sentenzi ohrajn.).

F'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi ghaliex, apparti li l-Ewwel Qorti setghet kieku riedet erogat piena karcerarja sa massimu ta' erba snin prigunerija fuq l-appellant ghall-ewwel imputazzjoni ta' omicidju involontarju, izda invece ghazlet li tapplika biss

piena pekunjarja sija pure fil-massimu taghha,ladarba l-appellant instab hati wkoll ta' tlitt reati ohra li jaqghu taht il-Kap.424 tal-Ligijiet ta'Malta, skond l-art. 38(3) tal-istess Kap. 424 u bl-applikazzjoni tal-art. 17(f) tal-Kodici Kriminali, (apparti li ukoll l-Ewwel Qorti setghet ikkundannat lill-appellant ghall-massimu ta' sentejn prigunerija ghall kull reat li bl-applikazzjoni tal-art. 17(b) kienu jgibu massimu komplessiv ta' tlitt snin prigunerija oltre l-erba snin fuq l-ewwel imputazzjoni), setghet ikkundannatu ghal nofs il-multa massima ta' hamest elef lira ghal kull reat, li komplessivament kienet tammonta ghall-multa ta' sebat elef u hames mitt lira ohra. Ghalhekk b' kollox l-appellant seta' gie kundannat jew ghal massimu ta' seba' snin prigunerija jew multa massima ta' tnax il-elf u hames mitt lira.

Illi mbaghad mill-fedina penali tal-appellant jirrizulta li hu gie kundannat mill-Qrati ghal mhux inqas minn tnax il-darba ghal reati li apparti li juru *"utter disregard"* ghar-regolamenti tat-traffiku, ghar-regolamenti fuq il-post tax-xoghol, u ghar-regolamenti ta' projbizzjoni ta' impieg ta' nies barranin, jinkludu ukoll reati ta' serq ta' elettriku w ta' hsarat involontarji. Ghalhekk l-appellant mhux xi *"first time offender"* imma jidher li ghalih il-ksur ripetut tal-ligijiet u regolamenti hu in-norma.

Konsidrat il-gravita' tal-kaz u l-konsegwenzi tragici tal-htija tal-appellant w l-fedina penali tal-appellant, ghalhekk, din il-Qorti ma tarax li ghandha raguni ghala tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti fl-erogazzjoni tal-piena. Jekk xejn tirrimarka li, fic-cirkostanzi, l-Ewwel Qorti kienet pjuttost miti fil-piena erogata. Ghalhekk anki dan l-aggravju qed jigi respint.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------